

26

6 Il-Qabar tal-Verġni Marija fil-Wied ta' Ġosafat

16 Il-Mara tal-Apokalissi il-Madonna fl-Aħħar Ktieb tal-Bibbja

21 Il-Miraklu tad-Dqiq u taż-Żejt (1 Slat 17,7-16) (3)

26 Ġrajjiet il-Ħajja fi Ħdan il-Ġudajiżmu

37 L-Ewwel Traċċi ta' Ministeri Ekkleżjali fl-Atti Tal-Appostli

37




# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## L-EFFETTI TAL-PANDEMIJA FUQ IL-KUSTODJA

Xi ftit tax-xhur ilu kulħadd kien qed jittama li sa Settembru s-sitwazzjoni tal-pandemija Covid-19 tkun taħt kontroll. L-awtoritajiet kemm ċivili kif ukoll reliġjużi fl-Art Imqaddsa kienu konfidenti li l-pellegrini kienu se jibdew jirritornaw, għalkemm mhux f'numri kbar bħal qabel, partikolarment fl-istaġun l-aktar iffullat, li hu dak minn Settembru sa Novembru. Israel u l-Palestina kienu meqjusin bħala pajjiżi "safe" li fihom wieħed seta' jivvjaġġa. Tant hu hekk li Israel kien diġà tqiegħed bħala wieħed mill-pajjiżi li joffru "safe corridor" biex fihom jiġu turisti mill-Unjoni Ewropea, inkluża Malta.

Malli ġie Ġunju l-folja nqalbet f'daqqa waħda għall-agħar. Ir-rata ta' infezzjonijiet f'Israel u l-Palestina żdiedet drastikament, u dan għaliex l-awtoritajiet, biex isalvaw l-ekonomija, ħallew li jsiru avvenimenti tal-massa. Żball li sfortunatament ġie ripetut f'ħafna pajjiżi u li wassalna għas-sitwazzjoni drammatika li ninsabu fiha bħalissa. Ir-riżultat kien li Israel ġie maqtugħ mil-lista ta' pajjiżi li huma meqjusin "safe". L-ajruport internazzjonali ta' Ben Gurion ilu xhur vojt. Impressjonanti timxi bil-maskra fis-swali kbar u vojta tal-ajruport, bil-ħwienet tad-"duty free" magħluqin, u bi ftit vjaġġaturi li jaqbdu l-ajruplan għax kostretti miċ-ċirkustanzi tax-xogħol jew familjari biex jirritornaw id-dar. Il-kumpanija El Al ta' Israel daħlet fi kriżi

*...editorjal*
*Israel taħt lockdown mill-ġdid*




kbira, u kien hemm min tkellem minn falliment totali, u mill-bżonn li jidħol il-gvern biex isalvaha. Biex tgħaxxaqha, kemm f'Israel kif ukoll fil-Palestina, s-sitwazzjoni politika ma tantx għenet, b'elezzjonijiet ripetuti u gvernijiet instabbli f'Israel, u b'tensjoni fil-Palestina, l-aktar f'Gaza, minħabba l-problema ta' governanza diżastruża u mifruda bejn żewġ partiti, dak tal-Fatah li jiggverna x-Xatt tal-Punent u dak ta' Ħamas li jiggverna Gaza. Betleħem kienet waħda mill-ewwel bliet li ngħalqet għal kollox, u damet hekk għal bosta ġimgħat, b'daqqa ta' ħarta traġika fuq il-kummerċ turistiku li fuqu hi mibnija l-ekonomija.

Il-Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa issa ilhom seba' xhur jgħixu magħluqin fil-kunventi u fis-Santwarji vojta li fihom ma jmur l-ebda pellegrin, tneħħi l-insara tal-post, li kellhom ukoll jagħmlu ġimgħat ta' "lock down" fi żmien il-festi tal-Għid. Għalkemm il-Franġiskani huma mdorrijin b'perjodi li fihom is-Santwarji jkunu vojta mill-pellegrini, bħal fil-każ tal-Gwerra tal-Golf, tal-Gwerra tal-Libanu, u tal-Gwerra fuq Gaza, kif ukoll fi żmien l-Intifada, imma dawn iċ-ċirkustanzi kienu jdumu biss ftit ġimgħat u qatt ma damu xhur bla waqfien bħall-każ li qed ngħixu fih illum. Għall-ewwel darba fi żmienna l-Kustodja tal-Art Imqaddsa qed taffaċċja problemi mhux indifferenti.

L-ewwel problema hi dik tan-nuqqas ta' introjti. Il-Kustodja tiddependi mill-ġabra li ssir darba fis-sena fil-parroċċi kollha u mill-offerti li jħallu l-pellegrini fis-Santwarji. Din is-sena dan id-dħul waqaf drastikament. Issa, barra mill-fatt li dan id-dħul jintuża għall-manteniment tas-Santwarji, għar-restawri, u għall-għajxien tal-Patrijiet infushom, iservi wkoll bħala fond li minnu jridu jitħallsu l-pagi ta' aktar minn elf dipendenti li jaħdmu mal-Kustodja. Għalkemm fil-każ ta' Israel il-gvern offra inċentivi ta' għajnuna għall-ewwel xhur, fil-każ tal-Palestina ma hemm l-ebda struttura soċjali li toffri benefiċċji f'każi ta' kriżi bħal din. Il-Kustodja ma tistax tibgħat tant dipendenti li huma kollha membri ta' familji insara u li l-għajxien tagħhom jiddependi biss mill-istruttura finanzjarja tal-istess Kustodja. L-istess problema tmiss l-iskejjel tal-Kustodja, li huma megħjuna mill-istess

offerti li l-Kustodja tirċievi, partikolarment mill-iStati Uniti tal-Amerika. Dawn bħalissa waqfu kważi għal kollox. F'intervisti li għamel il-Patri Kustodju wera t-tħassib tiegħu li din is-sena ftit nistgħu nistennew mill-ġabra għall-Art Imqaddsa, għax il-Knisja f'diversi pajjiżi wkoll tinsab quddiem problemi ekonomiċi serji u r-rieda li jintbagħtu offerti fl-Art Imqaddsa ċertament se tkun dgħajfa ħafna.

It-tieni problema tal-Kustodja hi umana. Sakemm qed nikteb dan l-editorjal, il-Kustodja tilfet 3 Patrijiet li mietu vittmi tal-Covid-19, wieħed fl-iStati Uniti u tnejn fis-Sirja, li kienu jgħixu fl-istess kunvent u kulleġġ, li issa spiċċa bla Patrijiet. Hi storja doloruża, għax dawn il-Patrijiet kienu qed jaħdmu favur tant insara, speċjalment fis-Sirja, li kienu għadhom qed iqumu minn flaġell ta' gwerra twila. Wieħed minn dawn iż-żewġ Patrijiet, Fr. Edoardo Tamer, miet ta' 87 sena b'kumplikazzjonijiet ta' saħħa, imma sieħbu, Fr. Firas Hejazin, li hu mill-Ġordanja, miet ta' biss 49 sena, fl-aħjar ta' saħħtu u tal-ministeru tiegħu. It-telfa ta' dawn il-Patrijiet tfisser li issa hemm kriżi ta' personnel anke fis-Sirja, fejn hemm xi Patrijiet oħrajn li huma infettati, għalkemm qegħdin fi proċess ta' fejqan.

F'sitwazzjoni bħal din, l-appell tagħna hu biex ma ninsewx lill-Franġiskani li qed jaħdmu fl-Art Imqaddsa. Hi tama tagħna li l-kriżi tgħaddi u li kollox jirritorna għan-normalità, imma forsi rridu nistennew għal dan. Nafu kemm hemm fostkom li xtaqu jiġu l-Art Imqaddsa din is-sena u sfaxxawlhom il-pjanijiet tagħhom. Almenu għandna nkunu konxji mill-bżonn li nkomplu nsostnu l-Kustodja tal-Art Imqaddsa bit-talb tagħna, u wkoll bl-għajnuna materjali li nistgħu nagħtuha permezz tal-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa f'Malta.

Jalla l-kuraġġ u t-tama ma jonqsux lill-Patrijiet Franġiskani f'din il-pandemija li ħakmet ukoll l-Art Imqaddsa, biex bil-preżenza siekta u umli tagħhom fis-Santwarji jkomplu jitolbu għad-dinja u għal tant benefatturi li dejjem komplew isostnu l-missjoni għażiża tal-Art Imqaddsa.

*Nota editorjali:*

Il-membri tal-bord editorjali tar-Rivista "L-Art Imqaddsa" jifirħu lill-Kummissarju tal-Art Imqaddsa, Fr. Twanny Chircop, li fil-Kapitlu Provinċjali ta' Lulju li għadda ġie magħżul bħala Ministru Provinċjal tal-Franġiskani f'Malta. Filwaqt li nwegħduh it-talb tagħna, inkomplu nifirħulu li se jibqa' wkoll fir-rwol ta' Kummissarju tal-Art Imqaddsa biex ikompli l-ħidma siewja li wettaq b'riżq din il-missjoni.